**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 14**

**L-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.41 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 13 li saret it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA RHODA GARLAND GĦALL-ĦATRA TA' KUMMISSARJU GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, datata 19 ta' Lulju 2023, dwar in-nomina tas-Sa Rhoda Garland għall-ħatra ta' Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Peress li s-Sa Garland kienet iktar komda titkellem bl-Ingliż, il-Kumitat qabel li s-smigħ ta' din in-nomina jsir bl-Ingliż.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Rhoda Garland sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sa Garland kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sa Rhoda Garland daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa li s-Sa Garland li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet

se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Garland tat rendikont tal-karriera tagħha. Hija qalet li jekk tkun approvata n-nomina tagħha għall-kariga ta' Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, tħoss li tkun fi rwol perfett għaliha peress li hi stess hija persuna b'diżabilità u għaldaqstant tifhem aktar in-nuqqasijiet li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità u tkun f'pożizzjoni aħjar biex tagħti gwida ħalli dawk in-nuqqasijiet jiġu riżolti

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Graziella Galea talbet il-permess tal-Kumitat sabiex, bħala kelliema tal-Oppożizzjoni għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat, tkun tista' tipparteċipa fid-diskussjoni. Il-Kumitat qabel u l-Onor. Graziella Galea ngħaqdet mal-membri tal-Kumitat fil-mistoqsijiet tagħhom lis-Sa Garland.

Is-Sa Garland spjegat li l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità għandha tindirizza l-fatt li ċittadini Maltin, inkluż nies b'diżabilità, għad m'għandhomx għarfien dwar il-Kummissjoni. Dan l-għarfien huwa importanti sabiex ikun jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom f'kull qasam tas-soċjetà, inkluż fuq il-post tax-xogħol, fejn għad hemm kundizzjonijiet inferjuri u inġusti.

Fil-5.10 p.m. l-Onor. Graziella Galea ħarġet mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.11 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Rhoda Garland u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Rhoda Garland għall-ħatra ta' Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-5.12 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Rhoda Garland tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Rhoda Garland daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kienet għaddiet mill-Kumitat u, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.

Is-Sa Rhoda Garland irringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-BRIGADIER JEFFREY CURMI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA RESIDENTI GĦALL-OLANDA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 11 ta' Lulju 2023, dwar in-nomina tal-Brigadier Jeffrey Curmi għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti għall-Olanda.

Il-Kumitat stieden lill-Brigadier Jeffrey Curmi sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li l-Brigadier Curmi kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Il-Brigadier Jeffrey Curmi daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Brigadier Jeffrey Curmi li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa

kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Il-Brigadier Jeffrey Curmi ta rendikont tal-karriera tiegħu fejn ta rendikont tal-karriera tieħu fil-Forzi Armati ta' Malta, u l-kwalifiċi akkademiċi tiegħu fid-dettall, partikularment fl-ispeċjalizzazzjoni tal-infurzar tal-liġi u l-armamenti. Il-Brigadier Curmi qasam ukoll il-viżjoni tiegħu ladarba jkun approvat mill-kumitat sabiex jiġi appuntat Ambaxxatur u spjega l-konnessjoni bejn is-servizz militari u d-Diplomazija fejn l-interessi huma simili – il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' pajjiż.

L-Onor. Chris Agius stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Fis-7.17 p.m., l-Onor Chris Agius irringrazzja lill-Brigadier Jeffrey Curmi sabiex jirtira mill-Kamra tal-Kumitat sakemm il-kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-7:21 p.m. il-laqgħa rriżumiet u l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Brigadier Jeffrey Curmi bħala Ambaxxatur għal Malta residenti ġewwa l-Olanda, il-membri talbu sabiex jivvutaw individwalment u l-President tal-Kumitat l-Onor. Chris Agius qara l-ismijiet ta' dawk preżenti.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 2** | **ĦIN: 7.21 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor.<br>Chris Agius<br>Clayton Bartolo<br>Andy Ellul<br>Amanda Spiteri Grech | L-Onor.<br>Karol Aquilina<br>Adrian Delia<br>Julie Zahra |

Il-ħatra proposta kienet approvata.

Fil-7.22 p.m. il-Brigadier Jeffrey Curmi ġie mistieden jidħol lura fil-Kamra fejn l-Onor. Chris Agius informah li n-nomina tal-kariga tiegħu bħala Ambaxxatur residenti għall-Olanda għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ Dott. Ian Borg.

Fis-7:23 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**